MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 817/1999/1

Raymond Sammut
vs
Anthony Micallef

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li biha ippremetta:

Illi fit-2 ta' Dicembru 1997, waqt li l-attur kien qieghed ghal gita tal-kacca fl-Egittu, huwa safa milqut f'ghajnejh ix-xellugija minn comb provenjenti minn senter sparat mill-konvenut;

Illi l-korriment ta' l-attur bhala konsegwenza ta' l-incident kien gravi ghaliex ic-comb ippenetra l-ghajn tax-xellug u ikkaguna debilita` permanenti (Dok. A);

Illi ghall-incident u konsegwenzjali danni subiti mill-attur kien jaghti unikament u l-konvenut minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Illi l-konvenut - interpellat biex jaghmel tajjeb ghad-danni subiti mill-attur - baqa' inadempjenti;

L-attur, ghalhekk, talab lill-Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni mehtiega skond il-Ligi:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq riferit u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza ta' l-istess garrab l-attur;

2. tillikwida d-danni ta' l-attur occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut in linea ta' danni;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata fix-xahar ta' Marzu 1998, u bl-imghax skond il-Ligi, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.
Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u dokument prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront tieghu, huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li m'huwiex minnu li l-incident gara minhabba xi imprudenza, imperizja, negligenza jew inosservanza tar-regolamenti da parti tieghu;

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-abili difensuri;

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat is-sentenza parzjali tat-3 ta' Ottubru, 2008 ta' din il-Qorti diversament presjeduta fejn intqal:

"Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut kien responsabbili ghall incident billi huwa spara fil-baxx minghajr ma ha l-prekawzzjonijiet rikjesti f'dawk ic-cirkostanzi billi spara minghajr ma tah kaz tas-sigurta tieghu innifsu u ta' haddiehor…

Izda l-htija ta' l-attur hija hafna anqas serja minn dika tal-konvenut li kienet il-kawza principali tal-incident. Il-htija ghalhekk se tigi maqsum kwantu ghall tlett kwarti ghall konvenut u kwart ghall attur.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi;
Tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur, u tiddikjara kemm lill-attur kif ukoll lill konvenut li kienu responsabbili ghal incident *de quo* izda t-tort huwa tlett kwarti ghal-konvenut u kwart ghall-attur;
Spejjez riservati ghad decizjoni finali;"

Rat id-digriet a fol 92 li bih gie nominat Dr. Mario Tabone.

Gie prezentat affidavit ta' <u>l-attur</u>. Semma kif wara l-incident spicca go sptar il-Kajr. Ittiehdu *X-Rays* u saritlu operazzjoni biex tieqaf emoragija interna. L-incident gara t-Tlieta 2 ta' Dicembru 1997. Lura Malta, mar l-Isptar San Luqa u l-Professur Richard Soler qallu mill-ewwel li kellu bzonn kura barra mill-pajjiz. Mar *Moorfields Eye Hospital* ta' Londra. Marret mieghu martu Maria Dolores Sammut u huha Joseph Cauchi. Moorfileds Hospital dam gimgha.

Wara dik id-darba mar ghall-kura l-Ingilterra tmien darbiet ohra l-ahhar wahda fix-xahar ta' Marzu 1999. Esebixxa Dok. RS11 Kont ta' £120 (ekwivalenti ghal Lm78.21c) ghar-rilaxx tac-certifikat Dok. A flimkien mal-prova tal-hlas, Dok. RS12 Kopja ta' l-*income tax* P3 *form* ghas-sena 1996 fejn jirrizulta li ghas-sena 1996 kellu salarju *gross* mill-*Port Work Scheme* fejn jahdem ta' Lm11,911. Esebixxa wkoll FS3 *form* ghas-sena 1997 fejn jirrizulta li ghas-sena 1997 fejn jirrizulta li kellu salarju *gross* mill-*Port Work Scheme* ta' Lm11,429. Kemm dam ma jmur ghax-xoghol, ma setax jaghmel xoghol ta' *lashing* tal-*containers* u ghalhekk garrab telf. Esebixxa ricevuti ta' vjaggi ghal Lm859.

Xehed Ronald Fleri, *Manager* fil-*Port Workers'* Scheme li semma li l-attur huwa impjegat maghhom b'licenzja numru 859. L-attur ma setax jattendi xoghol mid-9 ta' Dicembru 1997 sat-18 ta' Novembru 1998 minhabba korriment f'ghajnejh. Ezebixxa zewg ittri fejn indika d-differenza bejn x'hadem wiehed tamparu fejn irrizultalu t-telf li sofra. Fid-dokumenti hemm indikat id-dhul *gross* ta' l-attur minn 1996 san-1999. Mhux inkluz fih xoghol ta' *lashing*. Ix-xoghol tal-*lashing* naturalment ma jidholx fl-ufficcju tieghu. Dan hu riferibbli ghal *containers* li jorbtuhom u jithallsu.

Semma li l-attur jithallas skond ix-xoghol li jaghmel, u ghandu xi *gross earning* sa circa tnax-il elf lira, li fih mhux inkluz il-*lashing.*
Zied li ghas-sena 1998 li hija s-sena fejn l-attur ma hadimx kien hemm dhul ukoll. Izda l-haddiema mhux kollha jaqilghu l-istess.

Xehed Victor Spiteri kuntrattur tal-*lashing* li huwa rbit ghall-*containers*. Dan ix-xoghol jaghmlu hu bhala kuntrattur li ghandu n-nies tieghu biex jaghmlu x-xoghol tal-*lashing*. Raymond Sammut hu wiehed mill-haddiema tieghu. Il-haddiema jahdmu bir-*roster* u l-attur tilef tliet *rosters*. Jigifieri r-*roster* huma minn *March* sa *July*, iehor minn *July* sa *October*. Fl-11 *October*, dakinhar kien hemm Lm1200.79. Dik wahda. Fl-1 ta' *Lulju* 1998, Lm1287.04. Fis-6 ta' Ottubru tilef Lm1183.08. F'dan il-perjodu hu ma

kienx gie ghax-xoghol. L-attur ma dahalx ghaliex kien korra. Ix-xoghol jinvolvi periklu u jrid ikun 100% *fit*.

Mr. Ivan Vella kirurgu ta' l-ghajnejn xehed li kien opera lill-attur u ikkonferma c-certifikat a fol. 31. Jaf li l-attur kellu jaghmel kura wkoll barra minn Malta. Mar diversi dravi l-Ingilterra. Ikkonferma li l-attur ghandu *permanent disability.*

Xehed Dr. Mario Tabone semma li l-*overall disability* ta' l-attur hija ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%). Ir-raguni ghaliex jekk tevalwa t-telf ta' vista ta' organu wahdu ghalhekk tmienja u disghin fil-mija (98%) kemm tiffunzjona jew ma tiffunzjonax dik l-ghajn partikolari pero` jekk tara d-dizabilita` tal-bniedem kif jiffunzjona ghalhekk giet imsejha **l-efficjenza viziva industrijali** kif jiffunzjonaw bhala persuna. Hemm formola daqxejn kumplikata li tiehu in konsiderazzjoni t-telf percentwali ta' l-ghajn affettwata f'relazzjoni ma' l-ghajn it-tajba. L-efficjenza viziva industrijali ta' dan l-individwu u cioe` kif jiffunzjona bhala bniedem hija ta' hamsa u sebghin fil-mija (75%) allura t-telf jigi ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%). Il-formola ma tinkludix fattur ta' x'jista' jigri fil-futur. Fil-fatt din il-konsiderazzjoni jekk inti ghandek ghajn u ghajn u titlef wahda, ghalkemm ghalihom tidher *at face value* li ghandek 50% *loss*, l-efficjenza viziva ma tkunx ta' 50% imma tkun inqas. Issa hawn hekk, minn dik il-formula tohrog illi l'hekk imsejjha efficjenza viziva ta' l-individwu globalment hija ta' 75 allura t-telf jigi ta' 25.

Hu kien ipprezenta r-rapport tieghu wara nomina mill-Qorti tas-6 ta' Gunju, 2001:

"Raymond Sammut li joqghod 34 Triq Salvu Curso Siggiewi, Malta, imwieled 12/01/62 kien ghall-kacca l-Egittu f'Dicembru 1971 meta ntlaqat b'comba ta' senter f'ghajnu x-xellugija. Din ic-comba tidher li dahlet mill-kornea/sklera, ittraversat il-lenti u l-vitreu u laqtet ir-retina. Fil-Kajr,saritlu operazzjoni ta' emergenza fejn it-ticrita ta' barra giet mehjuta. Wara li Sammut kien trasferit Malta, hu kien referut ondra, f'Moorfields Hospital. Hemmhekk, sabur li waqt li l-ghajn tal-lemin kellha vista ta' 6/5 (normali), dik tax-xellug kienet tara movimenti ta' idejn.

Kien hemm kataratta densa u emoragija fil-vitreu. Fil-11 ta’ Dicembru 1997, saritlu operazzjoni fejn il-vitreu u l-lenti gew imnehhija, ic-comba giet evakwata, trattament bil-*laser* applikat biex twahhal ir-retina u *silicone* injettat. Fit-18 ta’ Frar 1998, instab li r-retina kienet imwahhla u l-vista kienet ta’ 6/18. Kellu operazzjoni ohra fid-19 ta’ Frar, biex jitnehha z-zejt “*silicone”*.

Minn dak iz-zmien, il-pazjent qalli li kellu bosta interventi ohra.

Ezami: jiena rajt dan il-pazjent fit-23-1-02. L-ghajn il-leminija kienet *normal* b’vista normali 6/6.

L-ghajn ix-xellugija kienet divergenti i.e. thares ‘il barra; kien hemm cikatrici *estensive* tal-*vitreo-retina*, il-*fundus* (in-naha wara ta’ l-ghajn) hu pallidu u n-nerv ottiku atrofiku.
Il-vista ta din l-ghajn hi dik li tara idejn jiccaqalqu.

It-telf ta’ vista ta’ din l-ghajn, wehidha hi 98%.

L-hekk imsejjha efficjenza visiva industrijali ta’ l-individwu hi 75%.”

Fl-affidavit <u>Anthony Micallef</u> qal li fl-1997 hu u shabu Mario Spiteri u Raymond Thornton ddecidew li jmorru ghall-kacca l-Egittu. Raymond Sammut wera x-xewqa li jmur maghhom u kienu kuntenti bih. L-organizzaturi qalulhom biex jiehdu maghhom nuccali protettiv, li kellhom jilbsu waqt il-kacca biex jipprotegu ghajnejhom minn xi comba. Semma li kien spara ghal papra izda xi comba biddlet id-direzzjoni ghax tkun laqtet xi blata jew qabzet fuq l-ilma, jew kienet difettuza mill-manifattura. Kien skopra li Sammut kien intlaqat b’comba wahda f’ghajnejh ix-xellugija.

Xehed <u>George Ciantar</u>, *Manager* mat-*Transport Malta* u jehu hsieb il-*Port Workers,* u li jaf lil Sammut bhala *Port Worker*. Xogholu huwa konness max-xoghol kollu li jsir fil-Valletta *ports* u l-*Freeport*. Dwar l-attur semma li fl-1997 u 1998 ma deherlux li hadem hafna l-attur izda mill-1999

rega' beda jahdem regolarment. Mistoqsi ghaliex fl-1997 u 1998 kien naqqas ix-xoghol irrisponda li sa fejn jaf hu kien *injured* izda li huma xorta wahda jhallsu €37.50 illum, dak iz-zmien dehrlu kienet Lm16 kuljum, tkopri sa sentejn l-*insurance*. Xorta wahda jiehu dak l-ammont ghal dan il-perijodu li semma. Esebixxa prospett ta' dak li rcieva flus mill-1998 'l hawn l-attur immarkat Dok. LCX1 a fol 408 et. Dwar dokument a fol. 50 tal-process li jirreferi ghall-paga tal-1997 stqarr li dak jirreferi ghal dak li ha bhala *insurance*, kif tista' tikkalkolaha ezattament dak illi kien jaqla' kieku, tista' tigi kalkolata mal-eqreb *port worker* bhalu."

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***<u>D1. Fatti fil-qosor:</u>***

Dina l-kawza tirrigwarda incident li gara fit 2 ta' Dicembru 1997 meta l-attur kien qieghed l-Egittu ghal gita tal-kacca ma' Maltin ohra, u safa milqut f'ghajnu x-xellugija minn comb li gie sparat mis-senter tal-konvenut. Bhala konsegwenza ta' dana l-incident, l-attur sofra disabilita` permanenti. Mhux kontestat li l-attur intlaqat b'comba sparat mis-senter tal-konvenut. Din il-Qorti diversament presjeduta waslet ghall-konkluzjoni li l-konvenut kien responsabbili ghall-incident, izda kien hemm htija kontributorja ta' l-attur - izda l-htija ta' l-attur hija hafna anqas serja minn dik tal-konvenut li kienet il-kawza principali ta' l-incident. Il-htija ghalhekk giet maqsuma kwantu ghal tliet kwarti ghall konvenut u kwart ghall-attur.

***<u>D2. Damnum Emergens:</u>***

**A.** L-Awtorita` Marittima, fl-ittra taghha tal-21 ta' Frar 2000 [immarkat bhala Dok. RS15 a fol 55 tal-process], ikkonfermat li l-attur, minhabba l-korriment li garrab, ma dahalx ghax-xoghol mid-9 ta' Dicembru 1997 sat-18 ta' Novembru 1998. Ronald Fleri, rapprezentant ta' l-istess Awtorita`, ghamel ezercizzju billi qabbel lill-attur ma' haddiem iehor fil-*Port Worker Scheme* sabiex jistabilixxi t-telf li sofra l-istess attur. Mid-dokument jirrizulta li Sammut dahhal Lm5,855.90 waqt li haddiem iehor dahhal Lm14,233.38 u cioe` differenza ta' Lm8,377.48. Id-

dokument ta’ Ciantar a fol 422 jirreferixxi ghal 338 *days* bis-Lm16 kulljum li inghata bhala beneficcji, kif jissemma a fol 406.

**B.** Xoghol ta’ *lashing*; dan mhux kompriz taht “**A**”. Minhabba li l-attur kien korra, m’ghamilx xoghol ta’ *lashing* fiz-zmien ta’ bejn is-16 ta’ Frar 1998 sal-1 ta’ Marzu 1998, it-8 ta’ Gunju 1998 sal-21 ta’ Gunju 1998 u bejn it-28 ta’ Settembru 1998 sal-11 ta’ Ottubru 1998. Dawn jammontaw ghal xi Lm3,900.

**C.** Spejjez, certifikati medici (RS11 – Lm78.21), u passaggi ta’ l-ajru tal-mara (RS16 sa RS21 – total ta’ Lm859) tieghu meta l-attur mar ghall-kura l-Ingliterra; u konfermati mal-affidavit ta’ l-attur.

Ghaldaqstant id-danni emergenti jammontaw ghal Lm13,214.69 ossia <u>€30781.94</u>.

***<u>D3. Lucrum Cessans:</u>***
L-Artikolu 1045(1) tal-Kodici Civili [Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta] jistipula kif ghandhom jitqiesu d-danni:
“Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta’ qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta’ qligh li tbati ’l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta’ jgib.”

Ghalhekk il-Qorti ghandha l-obbligu li tezamina t-telf ta’ qligh futur minhabba l-inkapacita`, it-telf ta’ paga jew qligh iehor attwali li jinkorri fih id-danneggjat; u dak it-telf ta’ qligh futur, ossia *lucrum cessans,* li d-danneggjat ikun prekluz li juzufruwixxi minnu minhabba l-event sinistru kawza ta’ l-eghmil dirett tad-danneggjant.

Fil-kaz in ezami, mill-formoli FS3 ta’ l-*Income Tax* ghas-snin ta’ bejn 1996 sa 2009 jidher li s-salarju gross ta’ l-attur
fl-1996 kien Lm11,911:

fl-1997 kien Lm11,429;
fl-1998 kien Lm6,777.98;
fl-1999 kien Lm14,449;
fl-2000 kien Lm14,329;
fl-2001 kien Lm19,011;
fl-2002 kien Lm19,930;
fl-2003 kien Lm23,426;
fl-2004 kien Lm24,304;
fl-2005 kien Lm24,635;
fl-2006 kien Lm23,629;
fl-2007 kien Lm26,996;
fl-2008 kien €60,900;
fl-2009 kien €58,816.

Jigi osservat ukoll li l-attur ma jithallasx salarju izda jircievi introjtu skond ix-xoghol li jkun ghamel. Inoltre, dan jinkludi *overtime*, li natralment huwa prerogattiva ta' l-*employer* izda hemm diversi sentenzi li jqisu li l-Qorti ghandha tiehu *average* ta' l-*overtime* matul is-snin (ara sentenza deciza mill-Prim'Awla, Onor. Imhallef Raymond Pace, deciza fil-31 ta' Ottubru, 2007 fl-ismijiet **Lorenzo Galea vs Michael Cunningham *et*** [31/2003]).
Jinghad ukoll li normalment il-Qorti tqis il-paga li kien jippercepixxi l-vittma u zzid maghha ammont ragjonevoli ghall-gholi tal-hajja jew permezz tal-*cost of living increase* jew altrimenti permezz ta' persentagg (12% fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Lulju, 2007 fl-ismijiet **Joseph Attard *et* vs Concetta Sammut** [55/2002], jew 9% (fil-kawza deciza fil-15 ta' Ottubru, 2007 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Emanuel Zahra vs Patrick Vassallo**). Min-naha l-ohra, kif jissottometti l-istess attur, din hija realta` konkreta (ara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fid-29 ta' Mejju, 2008 fl-ismijiet **Sandra Darmanin vs Michelle Attard**).

Anqas ghandu l-attur jippregudika l-pozizzjoni tieghu bil-fatt li baqa' jahdem u jaqla' bhal qabel u possibbilment aktar. Il-fatt li korra possibbilment tellfu mill-possibbilta` ta' xoghol aktar lukrattiv ghax infatti dizabilita` necessarjament timplika nuqqas fil-persuna fil-potenzjal taghha ghax-xoghol, possibbilment ma' terzi (ara f'dan is-sens sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, deciza fis-7 ta' Lulju,

1998 fl-ismijiet **George Gatt vs Francis Carbone** [LXXXII-II-242], u tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza fil-15 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet **Emanuel Zahra vs Patrick Vassallo** [562/2000NC]).

L-attur talab ukoll li jigi ikkunsidrat id-dhul tieghu mil-*lashing*, u verament irrizulta dhul ta' cirka Lm3,900 matul l-1998, izda dan l-ammont mhux inkluz fuq il-formola ta' l-*Income Tax* FS3 u l-Qorti ma tistax tqis li dawn il-flus kienu jidhlu b'mod **regolari u b'certezza kull sena** meta m'humiex indikati fuq il-prospett tat-taxxa. Il-Qorti thoss illi l-allegati *post tax additions* huma metodu ta' kif l-attur kien qieghed idahhal xi flus minghajr ma jhallas taxxa fuqhom u jekk jigu inkluzi u konsiderati minn din il-Qorti, hija tkun qed tkun kompartecipi f'kalkolu bbazat fuq att illecitu. Anqas ma l-Qorti ghandha tassisti jekk flus ma gewx dikjarati kif suppost. Dan iwassal lil Qorti biex ma tqisx dawn il-*post tax additions* ghall-iskop tal-komputazzjoni. Ukoll, id-depozizzjoni tirreferi ghas-sena 1998 u mhux ghal snin ohra u l-Qorti m'ghandhiex prova li dawn il-flus derivati mil-*lashing* kienu jidhlu regolarment. Qed jigu milqugha fil-kaz tad-*Damnum Emergens* riferibbilment ghaz-zmien in kwistjoni, minhabba d-depozizzjoni ta' Victor Spiteri li xehed fuq dak iz-zmien partikolari.

Wara li l-Qorti qieset il-fatturi kollha involuti li f'dan il-kaz partikulari hemm hafna aspetti li jinfluenzaw d-decizzjoni, inkluz l-gholi tal-hajja, il-fiqura li ghandha tapplika ghall-medda tas-snin hija dik ta' <u>€60000</u>.

***<u>D4. Multiplier:</u>***

Fis-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta tal-10 ta' Mejju, 2005 fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley vs Edward u Lydia konjugi Restall** - Citazz. Nru.: 154/02FS inghad:

"Hawnhekk ghandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien ghal zmien twil ibbazat fuq il-principji enuncjati fil-kawza **Butler vs Heard** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-22 ta' Dicembru, 1967. F'dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni c-"*chances and changes of life*", b'mod li dan il-*multiplier* ma

jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneggjata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta' tal-pensjoni.

Izda l-figura uzata ghall-iskop tal-*Multiplier* mhux dejjem inghatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem gew uzati l-istess principji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza **Lambert vs Buttigieg** deciza fit-18 ta' April, 1963 kienet qalet:
"f'din il-materja ta' *lucrum cessans* il-Qorti ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilta' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat."

Fil-kawza fl-ismijiet **Darren Sammut vs Eric Zammit** deciza mill-Onor. Qorti ta' l-Appell Civili Superjuri fit-3 ta' Dicembru, 2004 intqal:
"Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-'*multiplier*' adottat mill-Qorti ta' l-ewwel grad huwa pjuttost eccessiv. Dan ghaliex fis-sistema generalment applikata f'kawzi ghar-rizarciment ta' danni l-ligi ma tghid xejn, ghal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi applikat ghal fini tal-'*multiplier*' u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b'mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti *in toto*. Izda fir-rigward ta' telf ta' qligh li dik il-persuna tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, is-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li "Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta' inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta' ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta' '**Buttler vs Heard**' – b'dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal-telf futur – dawk li fil-gergo huma maghrufa bhala '*lucrum cessans*' - jipprova jimprimi sens ta' gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu."

Il-*multiplier* adoperat varja u kien ta' 5 snin fil-kaz ta' persuna ta' 53 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004, ta' 15 fil-kaz ta' persuna ta' 22 sena **Butler vs Heard** App Civ Sup 22-Dec-1967, 15-il sena fuq persuna ta' 24 **Gauci vs Xuereb** PA 29-Ott-1970, ta' 18 fuq persuna ta' 28 sena **Camilleri vs Polidano** PA 1-Ott-1982, ta' 18 fil-kaz ta' persuna ta' 42 **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 34 sena **Bugeja vs Agius** App Civ Sup 26-Lul-1991, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 33 sena **Dalmas vs Ghigo** App Civ Sup 5-Frar-1980, ta' 25 fil-kaz ta' persuna ta' 30 sena **Caruana vs Camilleri** App Civ Sup 27-Feb-2004, ta' 26 fil-kaz ta' persuna ta' 35 sena **Seisun vs Brincat** PA 29-Ott-1998, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 17 **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 26 **Grima vs Penza** PA 30-Gun-2004, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 23 sena **Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005, ta' 35 fil-kaz ta' persuna ta' 18 sena **Sammut vs Zammit** App Civ Sup 3-Dic-2004, ta' 36 fil-kaz ta' persuna ta' 20 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004.

Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta' *Multiplier*. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta' *multiplier* kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita` taghha [ara **Bugeja vs Agius** fuq imsemmija].

Il-Qorti thoss li hemm bzonn ta' certu uniformita` f'dan l-aspett li naturalment jghin biex wiehed ikun jaf minn qabel kriterji regolari. Huwa veru li kull kaz trid tarah ghalih izda li jkun hemm skeda li l-konsulenti legali u ditti ta' *insurance* ikunu jistghu jirreferu ghaliha tkun ta' utilita` kbira. Ghalhekk il-Qorti kif presjeduta sejra tuza c-*chart* hawn taht:

| **Eta' Vittma** | ***Multiplier*** |
|---|---|
| | Massimu |
| 0 - 15 | 40 |
| 16 - 20 | 37 |
| 21 - 25 | 35 |
| 26 - 30 | 30 |
| 31 - 35 | 25 |
| 36 - 40 | 20 |
| 41 - 45 | 15 |
| 46 - 50 | 13 |
| 51 - 55 | 11 |
| 56 + | 5 jew anqas |

Wara li l-Qorti qieset li l-attur twieled fit-12 ta' Jannar, 1962 u ghalhekk fid-data ta' l-incident u cioe` fit-2 ta' Dicembru, 1997 kellu 35 sena, il-multiplier li ghandu jkun uzat skond l-iskeda ta' hawn fuq huwa ta' 25.

***D5. Dizabilita`:***

Hawnhekk il-Qorti trid tqis il-persentagg ta' dizabilita` li ssofri l-vittma bhala konsegwenza ta' l-incident, b'mod li tqis in-nuqqas fl-*individual industrial efficiency* ta' l-attur. Infatti, kif gie ritenut f'**Butler vs Heard**:

"Dak li jrid jigi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapacita` f'sens purament mediku, izda l-effett li l-hsara personali ghandha fuq il-qligh tad-danneggjat. Ir-riduzzjoni effettiva tal-qligh tista' ma tikkorrispondix mal-grad ta' menomazzjoni fizika tad-danneggjat kalkolat mit-tabib."

Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza fl-ismijiet **Joseph Abela vs Martin Spagnol**, deciza fit-30 ta' Marzu 1993

(1098/89JSP) per Imhallef J. Said Pullicino; u **Xuereb vs Spalding *et***, deciza mill-Prim'Awla, Imhallef J. R. Micallef, fl-10 ta' Lulju 2003, Citazz. Nru. 1857/01JRM, pagna 8 *et*; u tezi "*Quantum of damages in Injury Claims*", Carmel A. Agius – *The method of assessing the degree of the incapacity caused*, pagna 125.

Kif inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Jannar 1973 fil-kawza **Borg *pro et noe* vs Muscat**:
"l-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li terga' tpoggi lil min ikun soffrihom fil-posizzjoni daqs li kieku huwa ma gralu xejn"
U ghalhekk il-principju applikabbli huwa *restitutio in integrum*.

Fil-kawza fl-ismijiet **Paul Debono vs Malta Drydocks** (Cit. Nru. 747/96PS), deciza fis-27 ta' April 2005 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili per Imhallef Philip Sciberras, inghad:
"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minhabba l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati c-cirkustanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' linkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti danneggjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja. Innegabilment, pero`, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuza, kif hekk jirrizulta minn semplici raffront tad-diversi decizjonijiet in materja."

Issa, hu car ukoll li a bazi tal-ligi taghna kwantifikazzjoni tad-danni bil-fors tibqa' f'latudini wiesgha u diskrezzjonali tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm jezistu principji dawn certament ma humiex assoluti (ara f'dan is-sens **Bottone vs Saliba** pagna 9; u **Joseph Borg vs Dr. Arturo Valenzia *nomine***, Prim'Awla, 9 ta' Gunju 1972; u **Bugeja vs Borg**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 11 ta' Mejju 1983).

It-**Torrente** fil-ktieb tieghu *Manuale di Diritto Privato*, 11 Ed. pag. 652 jikteb:
"*la valutazione del danno puo` essere particolarmente laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E` giusto, pertanto, che al giudice sia attribuito in materia in quando le parti non riescano a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo*";

*Personal injuries* huma normalment klassifikati fi tliet kategoriji u cioe` :
a) *total wreck cases* fejn tirrizulta inkapacita` kompleta ghax-xoghol (eg. *severe brain injury*),
b) *partial wreck cases* fejn il-persuna kollha tkun affettwata izda b'differenza mill-kategorija precedenti tibqa' l-kapacita` li tahdem u tgawdi l-hajja (eg. *brain injuries resulting in personality change and multiple injuries with grave disfigurement*),
c) telf ta' partijiet specifici tal-gisem.

Inoltre kif intqal fis-sentenza **Peter Sultana vs Anthony Abela Caruana**, Appell Civili, 15 ta' Jannar 2002:
"Ma hemmx ghalfejn jinghad li d-debilita` permanenti ma kienx necessarju li tkun wahda fizika li timmenoma persuna fil-possibiltajiet tieghu ta' xoghol minhabba limitazzjoni fil-funzjoni ta' xi organu. Setghet ukoll tkun debilita` psikika li timmanifesta ruhha f'kundizzjoni li negattivament tinfluwenza l-kapacita` ghax-xoghol ta' l-individwu... "

Principju iehor ta' importanza kardinali hu dak li hareg minn dak fuq kwotat f'**Butler vs Heard** fejn inghad:
"izda l-effett li l-hsara personali ghandha fuq il-qligh tad-danneggjat."

Huwa logiku li telf ta' subgha ghal persuna normali huwa kaz differenti minn telf tieghu ghal pjanista; bl-istess mod, telf ta' ghajnejn ghal pilota huwa aktar serju ghal skop ta' *lucrum cessans* minn telf f'kaz ta' persuna normali.

Mir-rapport mediku ta’ Dr. Mario Tabone [a fol 142 *et* tal-process] jirrizulta li d-dizabilita` prezenti ta’ l-attur (efficjenza viziva industrijali) hija ta’ 25%.

Il-konvenut jikkontesta din il-figura tal-espert mediku. Hu jsostni li din mhix konformi ma’ diversi sentenzi u jaghmel referenza ghal xi whud. Jasal ghal konkluzjoni zbaljata li d-dizabilita’ hija ta’ 6.25% u dan kif ser jigi spjegat hawn taht.

DEBILITA` F’GHAJN WAHDA

Id-debilità globali ghandha tinhadem skond formula li kienet approvata mill-Qorti ta’ l-Appell f’sentenza moghtija fl-4 ta’ Dicembru 1998 *in re* **Gasparre Xuereb *versus* Sammy Meilaq *et nomine***. Dik il-formula tqis illi, billi l-ghajn it-tajba taghmel tajjeb ghan-nuqqas fl-ghajn il-korruta, id-debilità globali ma ghandhiex tinhadem bhala medja semplici bejn l-efficjenza rispettiva tal-ghajnejn, izda l-efficjenza tal-ghajn it-tajba ghandha tinghata piz ta’ tliet darbiet aktar minn dik tal-ghajn korruta. Il-formula tinhadem hekk: $((t \times 3) + (k \times 1)) \div 4$ fejn $t$ hija l-efficjenza tal-ghajn it-tajba u $k$ hija l-efficjenza ta’ l-ghajn il-korruta.

Fil-kawza fl-ismijiet **Paul Debono vs Malta Drydocks** (Cit. Nru. 747/96PS), deciza fis-27 ta’ April 2005 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili per Imhallef Philip Sciberras, inghad:

“In bazi ghall-gurisprudenza enuncjata u b’ adozzjoni ta’ dan il-metodu, una volta stabbilit mill-espert mediku li l-ghajn il-leminija ghandha *efficiency rating* ta’ 90% mentri dik tax-xellug hija normali u ghalhekk ghandha *efficiency rating* ta’ 100%, il-formula adoperata taghti dan ir-rizultat:

(90 x 1) + (100 x 3) = 390 ÷ 4 = 97.5%. Li jfisser illi la darba l-attur ghandu *industrial efficiency* ta’ 97.5% hu jigi li ghandu debilitazzjoni permanenti ta’ 2.5%.”

Fis-sentenza moghtija fl-1 ta’ Frar, 2005 mill-Prim’Awla per Imhallef Giannino Caruana Demajo; **Nazzareno Seguna *et* vs Direttur Generali tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici**:

“Sabiex tara jekk l-attur garrabx debilità li ma jfieqx minnha, il-qorti b’digriet tas-27 t’Awissu 2001 hatret espert u dan irrelata fil-11 t’April 2002 illi l-attur ghandu debilità permanenti ta’ hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) f’ghajnu l-leminija, li tfisser debilità globali ta’ ghaxra fil-mija (10%). B’nota tat-22 ta’ Jannar 2004 l-espert kompla fisser kif, minn figura ta’ 2% ghall-ghajn il-leminija, wasal ghall-figura globali ta’ 10%.

Il-konvenut osserva li meta tkorri f’ghajn wahda
Fil-kaz tal-lum ir-rizultat jigi hekk: (100 × 3) + (75 × 1) = 375 ÷ 4 = 93.75. L-attur ghalhekk ghandu efficjenza globali ta’ tlieta u disghin punt decimali sebgha hamsa fil-mija (93.75%) li tfisser debilità ta’ sitta punt decimali tnejn hamsa fil-mija (6.25%).

Il-qorti tifhem illi din il-formula hija wahda generika li ma tqisx l-idjosinkraziji ta’ kaz partikolari. L-espert mahtur mill-qorti ma qiesx biss formuli astratti izda qies ukoll il-kondizzjoni partikolari ta’ l-attur, u l-possibbiltà illi jkompli jmur lura. Ghalhekk lill-qorti jidhrilha illi aktar ghandha toqghod fuq il-konkluzjonijiet ta’ l-espert illi wasal ghal konkluzjoni wara ezami ta’ kaz partikolari milli fuq formula astratta u generika.

Il-qorti ghalhekk tghid illi l-attur ghandu debilità permanenti ta’ ghaxra fil-mija (10%).”

Fil-kawza deciza fit-30 ta’ Marzu 1993 [1098/89JSP] moghtija mill-Imhallef J Said Pullicino fl-ismijiet **Joseph Abela vs Martin Spagnol** gie deciz li d–dizabilita’ kien ta’ 22.5% f’ghajn wahda u bit-tieni ghajn tibqa’ normali u mhux 40%, u fil-kawza deciza fil-5 ta’ Ottubru 1993 [637/87JSP] Prim’Awla, Imhallef Joseph Said Pullicino; **Mark Caruana vs Grazio Camilleri** – 22.5% f’ghajn wahda u bit-tieni ghajn tibqa’ normali u mhux 40%.

Fis-***Saggio di tabelle valutattive delle invalidita` permanenti generiche da responsabbilta` civili*** – Aldo Franchini, Medicina Legali in Materia Civile: *perdita` di un occhio se sia possible la protesi estetica* 25%.

Fil-kaz in ezami jekk wiehed japplika l-imsemmija formula wiehrd irid jimxi kif gej:
L-espert mediku ikkonkluda li t-telf ta' vista ta' l-ghajn korruta wehidha hi 98%. Ghalhekk:
(2 x 1) + (100 x 3) = 302 ÷ 4 = 75.5%.
L-hekk imsejjha efficjenza visiva industrijali ta' l-attur hi 75% u din hija l-figura li din il-Qorti sejra tapplika f'dan il-kaz.

***D6. Lump Sum Payment:***

L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-*lump sum payment* b'ammont ekwivalenti ghal 20% meta jkunu ghadda zmien qasir mill-event damnuz u s-sentenza finali [**Scicluna vs Meilaq** PA 16 ta' Lulju, 2001]. Fil-kawza **Caruana vs Camilleri** PA 5 ta' Ottubru, 1993 il-Qorti hasset li minn dan ghandu jonqos xi 2% ghal kull sena ta' dewmien. Gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza:
"jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-*lump sum deduction*" – **Agius vs Fenech** 29 ta' Ottubru, 2003. "

Fil-kawza **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004 is-somma giet ridotta bi 18% ghax kienu ghaddew tliet snin, waqt li fil-kawzi **Spiteri vs Zammit Tabona** App Civ Sup 16-Mar-1999 u **Caruana A vs Camilleri O** App Civ Sup 27-Frar-2004, minhabba li ghaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% gie mnaqqas ukoll fil-kawza **Galea vs Piscopo** PA 3-Ott-2003, 5% f'**Scicluna vs Meilaq** PA 16-Lul-2001 u 0% fil-kawzi **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999 meta ghaddew 15-il sena, f'**Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005 meta ghaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana** Kum 20-Apr-1990 meta ghaddew 19-il sena.

Izda ghall-kaz in ezami l-incident gara fit-2 ta' Dicembru 1997 u s-sentenza qed tinghata tlettax-il sena u nofs wara. Fil-fehma tal-Qorti jrid ikun hemm tnaqqis ta' 7%.

***D7. Likwidazzjoni ta' l-ammont ta' lucrum cessans:***

Ghalhekk il-Qorti trid issa tillikwida l-ammont dovut.

I. Il-qligh medju annwali ta' l-attur [€60,000] inkluz l-gholi tal-hajja ;
II. Irid jitqies *multiplier* ta' 25. Dan igib l-ammont ta' €1500000;
III. il-Qorti trid tqis il-grad ta' disabilita` li f'dan il-kaz hu ta' 25% u ghalhekk jammonta ghal €375000;
IV. wara jrid jitnaqqas 7% tal-*lump sum payment* u dan iwassal ghal bilanc ta' €348750;

Dan kollu jista' jigi facilitat permezz ta' uzu ta' "*Excel"* billi tintuza l-formola hawn taht:

| | | |
|---|---|---|
| Basic pay | B | 60000 |
| Multiplier | M | 25 |
| Lump sum payment | L | 7 |
| Dizabilita` | D | 25% |
| | | |
| Amount due | | €348750 |
| | | |

Ma' dan l-ammont irid jizdied l-ammont ta' *Damnum Emergens* li ghalhekk jammonta ghal (€348750 + €30781) u cioe` €379531.94. Izda dwar responsabbilta` gie deciz li l-konvenut hu responsabbli ghal tliet kwarti u cioe` €284648.95.

***D8. Imghax:***
L-attur talab l-imghax skond il-ligi.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Maria Lourdes Brincat vs Giuseppe Brincat *et*** (Citazz. Nru.: 448/87FS) deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fis-17 ta' Marzu, 2010 inhad:
"Fuq dan l-aspett il-Qorti tirrileva li dwar imghax jinghad li l-principju generali hu li dan jiddekorri minn meta l-ammont dovut ikun gie likwidat. Il-principju hu li *in illiquidis non fit mora* ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut u cioe` mhux minn xi somma da likwidarsi, fejn l-ammont mitlub jirrizulta li mhux kollu dovut. Jekk l-ammont ma jkunx likwidu d-debitur ma jkunx jaf kemm ghandu jhallas u mnhabba f'hemm ma jkunx jista' jhallas u ghalhekk ma

jkunx moruz fil-pagament. Dan il-principju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jinghad li jkun kostitwit ***in mora***. Ara f' dan is-sens dawn is-sentenzi fejn il-gurisprudenza tista' tghid hija pacifika:

**Salvatore Camilleri noe vs Candida Dimech *ed altri*** (9 ta' April, 1877) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet illi: "..............*il debitore di una somma non liquida non deve interessi se non dal giorno della liquidazione*............."

**Negoziante Vincenzo Strati vs Tito Boselli *noe*** (18 ta' Ottubru, 1909) fejn il-Qorti Kummercjali rriteniet illi:
"*I crediti illiquidi, sebbene commerciali, non producono interessi che dal giorno della liquidazione*".

**Mallia Tabone Utrinque –** 8 ta' Dicembru, 1903

**Filippo Farrugia Gay vs. Padre Antonio Buhagiar dei Minori Conventuali *noe*** (12 ta' Mejju, 1916) fejn il-Qorti ta' l-Appell qatghet illi:
"*Ma non essensdo chiesta una somma liquida, gli interessi non possono decorrere che dalla data della liquidazione, la quale nel caso sotto esame segue mediante la presenti decisione*".

**Vincente Grech et vs. Onor. Prof. AIC John Gatt *noe*** (24 ta' Ottubru, 1941) fejn il-Qorti ta' l-Appell ghal darb'ohra qatghet illi:
" .............meta s-somma ma tkunx likwidata l-imghax jibda jiddekorri mill-gurnata tal-likwidazzjoni".

**Maria Ellul Bonnici *et* vs Felice Mercieca *et noe*** (26 ta' April, 1950) Qorti Civili Prim'Awla:
"L-imghaxijiet ma humiex dovuti mill-gurnata tat-talba meta d-debitu jkun incert u illikwidu, izda mill-jum tal-likwidazzjoni u ta' l-approvazzjoni taghha".

**William Sare` vs Carmel sive Charles Sammut –** Qorti ta' l-Appell 29 ta' Mejju, 1988.

**Anthony Mercieca vs in-Nobbli Salvino Testaferrata Moroni Viani et** (16 ta’ Dicembru, 1991):
“Ammont likwidu jew ammont illikwidu huma espressjonijiet ekwivalenti ghal ammont determinat jew ammont indeterminat u dawn huma dejjem riferibbli ghall-pretensjonijit avvanzata fit-talba ta’ l-attur. Huwa l-attur li jiffissa t-termini tal-pretensjoni tieghu u huwa jaghzel jekk jitlobx ammont minnu determinat jew jitlob ammont indeterminat li ghandu jigi determinat mill-Qorti”.

**Anthony Buhagiar pro et noe vs Edward Scerri** – App Civili Superjuri tat-30 ta’ Marzu, 2001.

Irid jinghad li kien hemm xi eccezzjonijiet ta’ meta l-Qrati taghna hassew li l-imghax setgha jkun dovut qabel. Hekk insibu li fil-kawza deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet **Francis Xavier Aquilina vs Andrew Mamo nomine** deciza fid-19 ta’ Novembru 2001 inghad:
“Din il-Qorti allura mhix qeghda b’mod kategoriku tghid illi ma jistghux jezistu cirkostanzi fejn l-imghax ikunu wkoll dovuti fuq ammont li ma jkunx ghadu materjalment gie likwidat bl-applikazzjoni tal-principju *in illiquidis not fit mora*, specjalment fejn ir-responsabilita’ ghad-danni tkun giet ammessa. Il-gurisprudenza illi l-attur “ma setghax jitlob interessi anterjuri ghall-prezentata tac-citazzjoni ghaliex hu ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrali li f’kawza ta’ likwidazzjoni jinghataw biss interessi mid-data tas-sentenza..........” hi s-suggett ta’ zvilupp gurisprudenzjali li ghad irid jigi verifikat.
***Omissis***
B’dana kollu din il-Qorti f’kawza b’mertu bhal dak taht ezami ma kellhiex tonqos li tesplora l-possibilita’ li dak il-principju jkun temperat fejn tkun ovvja <u>l-assunzjoni ta’ responsabilita’ ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta’ likwidita’ tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita’ ghall-hlas tieghu.</u> Fejn imbaghad l-ammont effettivament likwidat ikun jirrizulta li hu sostanzjalment l-istess bhal dak pretiz mill-kreditur, il-Qorti setghet tqis li kienu jokkorru cirkostanzi fejn kellha tassigura li d-debitur ma jigix avvantaggjat semplicement mir-riluttanza tieghu li jhallas bl-iskuza li l-ammont ma kienx determinat gudizzjarjament, billi

jiffranka l-hlas ta' l-imghax sakemm l-ammont jigi definittivament likwidat." [kliem sottolineat minn din l-Qorti]

Posizzjoni simili ittiehdet fil-kawza deciza mill-Prim'Awla fil-kawza fl-ismijiet **Citadel Insurance p.l.c. vs Johann Ciantar** deciza fl-20 ta' Gunju 2002 [Imh J R Micallef] fejn jinghad:
"Hija wkoll il-fehma taghha li meta talba ghall-hlas ta' danni hija maghrufa jew facilment determinabbli sa minn qabel jinbdew il-proceduri gudizzjarji li jkollhom jittiehdu biex jintalab dak il-hlas, l-imghax ghandu jiddekorri minn dak inhar li ssir l-ewwel intima b'att gudizzajrju (jekk dan ikun sar) u mhux minn dak inhar li eventwalment tinghata s-sentenza li tikkonferma dak l-ammont;" [kliem sottolineat minn din l-Qorti]

Fil-kawza deciza mill-Prim' Awla fis-16 ta' Ottubru, 2002 fl-ismijiet **Blye Engineering Company Limited vs Paolo Bonnici Limited** [Imh G Valenzia] b'referenza ghal *in illiquidis non fit mora* inghad:
"Din il-massima ma ghandiex applikazzjoni assoluta u jista' jkun hemm kazi fejn il-Qorti ma tapplikahiex, ghaliex diversament tkun qedgfha taghti vantagg lid-debitur. Kaz bhal dan huwa meta l-likwidazzjoni ma tkunx tista' ssir minhabba htija tad-debitur. Fuq din il-kwistjoni ikkummenta Giorgi (Teor Obbligaz Vol III pag 202). U ara sentenza Vol LXXXI-I-359 **Schembri vs Dr. L. Buhagiar** 28/2/1997.

Ghalhekk il-principju generali hu li *in illiquidis non fit mora* ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut ghalkemm tezisti l-possibilita' li dak il-principju jkun temperat fejn tkun ovvja l-assunzjoni ta' responsabilita' ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta' likwidita` tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita` ghall-hlas tieghu."

## E. KONKLUZJONIJIET:

Ghal motivi fuq imsemmija tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghal tliet kwarti tad-danni li garrab l-attur;

Tillikwida d-danni ta' l-attur fl-ammont ta' €284,648.95

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta' €284,648.95 in linea ta' danni;

Spejjez tliet kwarti kontra l-konvenut u kwart kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------